MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2004

Numru 992/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond Cassar)**

**vs.**

**Marica Micallef**

**Illum 6 ta' Dicembru, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Marica Micallef ta' 33 sena, bint Carmel u Carmelina nee` Falzon, imwielda nhar l-14 t'Ottubru, 1971 fil-Pieta`, detentrici ta' karta tal-identita` Maltija bin-numru 447371M u toqghod fil-fond St Mary's Flats, Flat 17B, Triq il-Gifen, San Pawl il-Bahar giet akkuzata:

Talli fil-lejl ta' bejn 17 u 18 ta' Lulju, 2004 u/jew fil-granet ta' wara, f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqghet ghandha u/jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat u cioe` mobile phone tal-marka Panasonic li ghandu valur ta' mija u tmenin lira (Lm180) ghad-dannu ta' Christine Xuereb u dan bi ksur t'artikolu 334 ta' Kap 9 ta' Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok RC3 u nnutat li l-imputata m'ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputata ammettiet l-akkuza.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u tatha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata regghet wiegbet li hi hatja.

Innutat li l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Raymond Cassar iddikjara fil-verbal tas-seduta ta' llum li r-rifurtiva giet ritornata u li l-imputata ikkoperat mal-pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputata Marica Micallef, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha, u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza, il-Fedina Penali netta tal-imputata u li fil-verbal tas-seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Raymond Cassar iddikjara li r-rifurtiva giet ritornata u li l-imputata ikkoperat mal-pulizija, tillibera lill-istess imputata taht il-provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Marica Micallef l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------